*Joseph Schembri*

# Ħal Niklusi



In-nisel ta' xi wħud mill-irħula ż-żgħar li kienu mxerrdin madwar Malta kollha ssemmew għal xi isem partikulari, kunjom jew laqam. Ħal Niklusi huwa wieħed minn dawn l-irħula - jiġifieri 'Ir-raħal ta' Kola jew ta' San Nikola'. Ismu x'aktarx li ħadu minn knisja żgħira li kien hemm f'dawk l-inħawi u li kienet iddedikata lil San Nikola. Il-kelma Niklusi ġejja mill-Isqalli Niculusi li tfisser Nikola. Fil-fatt fi Sqallija, viċin il-vulkan Etna, hemm raħal b'dan l-isem ta' Niculusi/Nicolosi u li għandu bħala protettur tiegħu lil San Nikola[1].

Ħal Niklusi kien jinsab bejn żewġt irħula żgħar oħra: Ħal Kbir u Raħal Sejjiegħ. L-abitanti li kienu joqogħdu fih kienu bdiewa, raħħala u sajjieda. F'dan ir-raħal kien hemm madwar tmenin dar[2]. Fil-lista tas-suldati tad-Dejma tas-snin 1419-1420 ma jissemma ħadd minn Ħal Niklusi. Għalhekk jagħtina x'naħsbu li dan ir-raħal ma baqax jeżisti aktar wara s-snin 1419-1420. Illum il-ġurnata, dan li darba kien raħal, insibuh bħala San Niklaw. Xi drabi wkoll jissejjaħ bħala Tal-Merħla għax, fiż-żmien, mir-residenti kien hemm minn kellu mitt nagħġa[3]. San Niklaw illum jagħmel parti mill-Qrendi.



Ħal Niklusi kellu miegħu diversi oqsma tar-raba' li nsibuhom imniżżlin fl-atti notarili ta' dak iż-żmien u li għadhom jissemmew sal-lum. L-ewwel ma nsibu huma l-Qasam il-Kbir u ż-Żgħir[4]. Dawn kienu mifrudin minn xulxin bi triq magħrufa bħala 'Tal-Kaboċċi'. Il-Qasam il-Kbir kien jagħmel ma' Ħal Kbir u ż-Żgħir ma' Ħal Niklusi. Fejn darba kien hemm il-grawnd ta' San Niklaw (l-eksmitjar tal-Qrendi) kienu jgħidulu 'Ta' Barrada'[5] li parti minnu tagħmel ma' Ħal Kbir u parti oħra ma' Ħal Niklusi. Fix-xaqliba li tiġi taħt il-knisja ta' San Niklaw hemm qasam art magħruf bħala 'Ta' Lanza'[6] li biċċa minnu kien jagħmel ma' Ħal Kbir u ma' Ħal Xluq, u parti żgħira minnu ma' Ħal Niklusi. Hemm ukoll il-wilġa ta' Ħal Niklusi[7] (illum hija magħrufa bħala l-wilġa ta' San Niklaw) li qiegħda bejn Ta' Xurraf u Ħal Niklusi. Fiż-żminijiet l-imgħoddija din kienet tikkonsisti f'raba' għammiel fejn kien jikber ħafna frott tassew bnin. Fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja ta' San Niklaw, wara ħajt ftit 'il bogħod, kien hemm siġra taż-żebbuġ li kellha zokk oħxon ħafna, kif kont smajt mingħand bidwi ta' dawk l-inħawi. Fuq din is-siġra taż-żebbuġ għaddew mijiet ta' snin u x'aktarx li kienet ta' żmien Ħal Niklusi[8].

L-ewwel knisja li kien hemm f'Ħal Niklusi kienet antika ħafna u, kif jaħsbu, din inbniet fis-seklu 12, jiġifieri qabel ma kienet inbniet l-ewwel knisja parrokkjali – dik qadima ta' San Nikola fis-Siġġiewi[9]. Mill-fdal tal-ewwel knisja f'Ħal Niklusi ma baqa' xejn. Din il-knisja kien bnieha n-nobbli Paolo Pellegrino li kien mill-belt ta' Noto fi Sqallija. Dan in-nobbli f'Malta u fis-Siġġiewi kellu bosta artijiet. F'Ħal Niklusi kellu biċċa raba' li kienet magħrufa bħala 'Tad-Dawra' u ġo din l-għalqa bena l-knisja. Ġiet mibnija fuq sitt ħnejjiet u l-faċċata tagħha kienet tħares lejn il-Punent (lejn il-Fawwara). Fis-sena 1575, Mons. Pietru Dusina żar lil din il-knisja u sab li kellha xi nuqqasijiet: kellha nieqsa xi ħwejjeġ



sagri li jintużaw fil-quddies u li Dun Girgor Mamo ma kellux fejn joqgħod. Dun Girgor kien jieħu ħsieb din il-knisja, iqaddes tliet darbiet fil-ġimgħa (nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa) kif ukoll fil-Ħdud u l-festi kmandati u jagħmel il-festa ta' San Nikola[10]. Mons. Dusina ta ordni biex fi żmien xahrejn jipprovdu dawn il-bżonnijiet kollha taħt piena ta' għoxrin skut[11].

Il-knisja ta' San Niklaw li hemm illum hija ikbar mill-ewwel waħda li kien hemm. Din ġiet mibnija mill-patrijiet Benedittini ta' San Nicola d'Arena ta' Katanja, ftit snin wara l-1668. Il-knisja fiha altar wieħed li fuqu hemm kwadru ta' San Nikola ta' pittura Griega[12]. Minn żmien għal żmien f'din il-knisja jsiru xi laqgħat ta' xi grupp karizmatiku. Fuq il-bieb il-kbir tal-faċċata hemm minquxa fuq il-ġebla l-arma tal-monasteru tal-Benedittini ta' San Nicola d'Arena ta' Katanja.

Fis-sena 1832 din il-knisja - bl-artijiet kollha - ġew imdaħħlin fil-propjetà tal-Isqof ta' Malta li dak iż-żmien kien l-Isqof Franġisku Saverju Caruana (1831 – 1846).

**Referenzi**


1 *Erin Serracino Inglott, Il-Miklem Malti. Is-sitt ktieb, p. 301. Ippubblikat mill-K.K.M. fl-1979.*
2 *Pietru Pawl Castagna, L-Istorja ta' Malta u Għawdex bil-gżejjer tagħha. L-ewwel ktieb, p. 199.*
3 *Kan. V. Vella, Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari. Is-sitt ktieb, p. 27.*
4 *Joseph Aquilina, Maltese English Dictionary, Vol. 2 p. 1134.*
5 *Godfrey Wettinger, Place-Names of the Maltese Islands 1300 – 1800, p. 20.*
6 *Joseph Aquilina, Maltese English Dictionary, Vol. 12, p. 726.*
7 *Erin Serracino Inglott, Il-Miklem Malti. Is-sitt ktieb, p. 301.*
8 *Waqt passiġġata ma' tal-Museum ta' kull nhar ta' Ħadd, konna qegħdin ħdejn il-knisja ta' San Niklaw u bidwi xiħ li kellu r-raba' fil-qrib kien qalilna b'din is-siġra taż-żebbuġ.*
9 *Rev. Alexander Bonnici O.F.M. Conv., Profili, Għadd nru 48, 12/1985, p. 16.*
10 *Dr Nicholas Vassallo, Programm tal-festa 1978 maħruġ mill-Każin tal-Banda San Nikola.*
11 *Rev. Mons. Vincent Borg, Melita Sacra 11, p. 710 nota 24.*
12 *Kan. V. Vella, Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari. Is-sitt ktieb, p. 27.*



## *Grazzi wkoll:*

- Lill-Għaqdiet għas-sehem tagħhom fil-jiem tal-festa u għas-servizz li jagħtuna matul is-sena kollha.
- Lill-Kor 'Santa Ċeċilja', b'mod speċjali lil Mro Hermann Farrugia Frantz li jmexxi l-mużika tat-Tridu u tal-festa.
- Lill-Arċipriet, lis-Saċerdoti, lill-abbatini, lis-sagristani u lill-*helpers* kollha li jagħtu sehemhom fil-funzjonijiet tal-festa.